

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Lejn qafas tal-Unjoni Ewropea dwar l-interferenti endokrinali”**

[COM (2018) 734 final]

(2019/C 228/12)

Relatur: **Brian CURTIS (UK/II)**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 14.12.2018
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Deċiżjoni tal-Bureau	10.7.2018
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adottata fis-sezzjoni	27.2.2019
Adottata fil-plenarja	21.3.2019
Sessjoni plenarja Nru	542
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	173/0/1

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Interferenti Endokrinali, li għandha l-għan li tħares aħjar is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali. B'mod partikolari, il-KESE jqis li huwa meħtieġ li jitwettaq kontroll komplut tal-idoneità għal-leġislażzjoni attwali, inkluż l-impatt soċjali u ekonomiku, sabiex tiġi stabbilita s-sitwazzjoni attwali reali. Approċċ olistiku huwa kruċjali sabiex tiġi appoġġjata strateġija fit-tul li tagħmilha possibbli li jiġu indirizzati l-interferenti endokrinali b'mod koerenti, konsistenti u xjentifiku. Madankollu, il-Kumitat iqis li din l-istrateġija għandha tissaħħaħ permezz ta' pian ta' azzjoni realistiku li jstabbilixxi l-miri u d-dati ta' skadenza.

1.2. Il-Kumitat jappoġġja l-proposta li għandha l-għan li tiddefinixxi qafas leġislattiv aktar koerenti. F'dan il-qafas, se jkun importanti li jiġi rrispettat il-prinċipju “*sustanza waħda, tossikoloġija waħda*” u li l-istrateġija l-ġdida tiġi bbażata fuq l-użu armonizzat tal-*prinċipju ta' prekawżjoni*, f'konformità mad-dispożizzjonijiet effettivi adottati diġà fuq il-bijoċidi u l-pestiċidi<sup>(1)</sup>. L-istrateġija l-ġdida tista' tiġi inklusa taħt l-“umbrella transsettorjali” rappreżentata minn REACH.

1.3. Il-mekkaniżmu ta' governanza għandu jkun ibbażat fuq ix-xjenza, sabiex tiġi żgurata t-trasparenza għaċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati. Għal din ir-raġuni, ir-riċerka pubblika u indipendenti għandha tkun appoġġjata minn baġit adegwat. B'mod partikolari, ir-riċerka indipendenti tista' tipprovdi kriterji u/jew metodi xjentifiċi miftiehma li jindirizzaw, jappoġġjaw u jstimulaw l-attività u l-produttjoni industrijali Ewropea tar-riċerka u l-innovazzjoni. Il-KESE jirrakkomanda li dan il-baġit ma għandux ikun inqas mill-baġit attwali fil-qafas ta' Orizzont 2020. B'mod partikolari, il-Kumitat jirrakkomanda li tiġi stabbilita linja baġitarja speċifika għall-identifikazzjoni bikrija tal-interferenti endokrinali u r-riskji għas-saħħa tal-annimali u tal-bniedem, għall-identifikazzjoni ta' sustanzi alternattivi sikuri u r-rimedju ambjentali.

1.4. Il-projbizzjonijiet jew ir-restrizzjonijiet fuq xi sustanzi jew prodotti, ladarba jiġu identifikati b'mod plawsibbli bħala interferenti endokrinali, jista' jkollhom impatt rilevanti fuq l-intrapriżi u l-postijiet tax-xogħol. Għal din ir-raġuni, il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tipprevedi mekkaniżmu finanzjarju speċifiku li jappoġġja t-tranżizzjoni lejn produttjoni aktar sostenibbli, sabiex jittejjbu t-tekniki u l-mekkaniżmi tal-produttjoni tal-industriji u jiġu aġġornati l-ħiliet tal-ħaddiema.

1.5. Il-KESE jappoġġja l-proposta għal Laqgħa Annwali tal-Partijiet Interessati. Madankollu, il-Kumitat iqis li d-djalogu bejn il-partijiet interessati u l-Kummissjoni Ewropea għandu jinkludi sistema permanenti u strutturata ta' skambju u konsultazzjoni ta' informazzjoni sabiex verament ikun effettiv.

<sup>(1)</sup> Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1); Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

1.6. Il-Kumitat jappella li l-kampanja wiesgħa ta' sensibilizzazzjoni dwar il-pollutanti organiċi persistenti (POPs) tkun organizzata mill-Kummissjoni fil-livell tal-UE b'referenza għal approċċ simili ffukat fuq l-interferenti endokrinali. Il-KESE jtenni wkoll ir-rakkomandazzjoni tiegħu li jinholq bank tad-data miftuħ għall-POPs u l-interferenti endokrinali sabiex tiġi pprovduta għodda utli għall-intrapriżi u l-konsumaturi.

1.7. Il-Kumitat jemmen bis-sħiħ li l-istrateġija Ewropea dwar l-interferenti endokrinali għandu jkollha dimensjoni internazzjonali sabiex tħares b'mod effettiv is-saħħa taċ-ċittadini minn prodotti possibbilment mhux sikuri minn pajjiżi terzi. Għal din ir-raġuni, il-KESE japprova l-proposta tal-Kummissjoni għal rwol aktar proattiv tal-UE fil-livell globali, u jappoġġja lill-OECD fit-titjib tat-testijiet taġġha. Barra minn hekk, il-KESE jemmen li l-UE għandha tippromovi s-sostenibbiltà u tħares id-dispożizzjonijiet tal-POPs fi ftehimiet kummerċjali bilaterali u multilaterali. F'dan il-kuntest, l-UE tista' taħdem f'kooperazzjoni mad-WHO u l-UNEP biex tiffirma konvenzjoni globali dwar l-interferenti endokrinali, kif diġà għamlet għall-POPs (il-Konvenzjoni ta' Stokkolma), u abbażi tal-lista eżistenti tan-NU ta' interferenti endokrinali identifikati jew potenzjali. Dawn l-inizjattivi se jkunu utli wkoll sabiex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi u biex jiġi mħares il-mudell ta' produzzjoni Ewropew minn kompetizzjoni iġusta.

1.8. Il-KESE jappoġġja l-istrateġija miftuħa adottata mill-Kummissjoni u jqis li s-soċjetà ċivili organizzata jista' jkollha rwol kruċjali fl-iżvilupp ta' kampanji nazzjonali ta' sensibilizzazzjoni, sabiex tkun infurmata bażi usa' tal-popolazzjoni dwar l-attivitatiet mwettqa mill-UE biex titħares is-saħħa taċ-ċittadini. Inizjattivi bħal dawn għandhom jibdeu fl-iskejjel sabiex jitnaqqsu r-riskji ta' esponiment għall-interferenti endokrinali u biex tiġi promossa mġiba sikura. B'mod partikolari, il-KESE jirrakkomanda li l-inizjattivi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ għandhom jiġu armonizzati u meqjusin bħala parti mill-istess strateġija taħt l-approċċ tat-tagħlim tul il-ħajja. Il-korsijiet ta' taħriġ speċifiċi għandhom ikunu obbligatorji u disponibbli għall-ħaddiema kollha Ewropej li l-impjeg tagħhom huwa marbut direttament jew indirettament mal-interferenti endokrinali.

## 2. Introduzzjoni

2.1. **L-interferenti endokrinali** huma sustanzi kimiċi sintetiċi jew naturali li jbiddu l-mod li bih taħdem is-sistema endokrinali, u konsegwentement jaffettwaw b'mod negattiv is-saħħa tal-bnedmin u tal-annimali, inklużi l-metaboliżmu, l-iżvilupp, l-irqad u l-burdati. L-esponiment għall-interferenti endokrinali huwa dovut għal għadd ta' sorsi differenti, bħar-residwi ta' pestiċidi, metalli u addittivi jew kontaminanti fl-ikel u fil-kożmetiċi. Xi interferenti endokrinali huma sustanzi preżenti b'mod naturali fl-ambjent. Il-bnedmin u l-annimali jistgħu jkunu esposti għall-interferenti endokrinali permezz tal-ikel, it-trab jew l-ilma, meta jinġibdu man-nifs il-gassijiet u l-partiċelli fl-arja, jew sempliċement permezz tal-kuntatt mal-ġilda (prodotti tal-kura personali). Kultant, l-effetti kkawżati mill-interferenti endokrinali jibdeu jidhru biss ħafna wara l-esponiment<sup>(2)</sup>. Għandu jiġi nnutat li prodotti bi proprjetajiet ta' interferenti endokrinali jistgħu jinkludu sustanzi preżenti fi prodotti tal-ikel speċifiċi (pereżempju ħxejjex), xi vitamini u supplimenti tal-ikel oħrajn, kif ukoll farmaċewtiċi ewlenin, (pereżempju għat-trattament tal-kanċer, u speċjalment il-kontraċezzjoni għan-nisa). Iċ-ċittadini tal-UE jistgħu jkunu esposti għal kwantitajiet kbar ta' interferenti endokrinali permezz ta' prodotti bħal dawn.

2.2. It-tassib dwar l-interferenti endokrinali ilu jikber mis-snin disgħin 'l hawn. F'Diċembru 1999, il-Kummissjoni adottat l-Istrateġija Komunitarja għall-interferenti endokrinali<sup>(3)</sup>, li minn dak iż-żmien 'l hawn żviluppat permezz ta' azzjoni fl-oqsma tar-riċerka, ir-regolamenti u l-kooperazzjoni internazzjonali. Studju wiesa' tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) qajjem il-problema tal-impatt mifrixx tal-interferenti endokrinali fuq numru kbir ta' bnedmin u annimali, b'mod partikolari fuq il-feti u n-nisa tqal (twelid qabel iż-żmien u piż baxx fit-twelid, malformazzjonijiet u disturbi ta' żvilupp newroloġiku), fuq it-tfal u l-adoloxxenti (tibdil fl-iżvilupp normali u fil-funzjonament tas-sistema riproduttiva, bħall-bidu bikri tal-iżvilupp tas-sider fil-bniet), iżda anke fuq l-adulti (telfien tal-fertilità, obeżità, kanċer)<sup>(4)</sup>.

2.3. Numru kbir ta' sustanzi kimiċi naturali jew maħluqa mill-bniedem huma magħrufa li jinteraġixxu mas-sinteżi, l-attività jew il-metaboliżmu tal-ormoni, iżda frazzjoni żgħira minnhom biss ġiet investigata b'mod xieraq għall-potenzjal tagħhom li jinduċu effetti negattivi permezz ta' mekkaniżmi relatati mal-endokrini kif deskritt ukoll minn Rapport reċenti tan-NU. Il-veloċità taż-żidiet fl-inċidenza tal-mard fl-aħħar deċennji teskludi fatturi ġenetiċi bħala l-unika spjegazzjoni plawsibbli. Huma involuti wkoll fatturi ambjentali u oħrajn mhux ġenetiċi, inklużi n-nutrizzjoni, l-età tal-omm, mard virali u esponimenti għas-sustanzi kimiċi, iżda dawn mhux dejjem faċli li jiġu identifikati<sup>(5)</sup>.

<sup>(2)</sup> Sit web tal-ECHA. <https://chemicalsinourlife.echa.europa.eu/mt/endocrine-disrupters-and-our-health>. Skont id-definizzjoni rikonoxxuta b'mod mifrixx tad-WHO (WHO-IPCS) tal-2002, sustanza kimika li tfixkel is-sistema endokrinali hija "sustanza jew taħlita eżoġena li tbidel il-funzjoni(jiet) tas-sistema endokrinali u konsegwentement tikkawża effetti ħżiena fuq is-saħħa f'organiżmu intatt, jew fil-wild tiegħu, jew f'(sub)popolazzjonijiet".

<sup>(3)</sup> COM(1999) 706.

<sup>(4)</sup> L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, State of the Science of Endocrine Disrupting Chemicals (L-istat tax-xjenza fir-rigward tas-sustanzi kimiċi li jfixklu s-sistema endokrinali), 2012, paġni VII-XII

<sup>(5)</sup> <https://www.unenvironment.org/explore-topics/chemicals-waste/what-we-do/emerging-issues/scientific-knowledge-endocrine-disrupting>.

2.4. Sar progress sinifikanti fil-komprensjoni u r-regolamentazzjoni tal-interferenti endokrinali, u l-UE issa hija rikonoxxuta bħala mexxejja globali fl-indirizzar ta' dawn is-sustanzi kimiċi, filwaqt li l-leġislażżjoni tagħha hija fost l-aktar protettivi fid-dinja. Wieħed jista' jsib issa dispożizzjonijiet speċifiċi f'leġislażżjonijiet dwar il-pestiċidi u l-bijoċidi, is-sustanzi kimiċi b'mod ġenerali (ir-“Regolament REACH”), it-tagħmir mediku u l-ilma <sup>(6)</sup>. Leġislażżjonijiet oħra, bħal dawk dwar il-materjal li jiġi f'kuntatt mal-ikel, il-kosmetika, il-ġugarelli jew il-protezzjoni tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol <sup>(7)</sup>, ma jinkludux dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-interferenti endokrinali. Madankollu, is-sustanzi bi proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali huma soġġetti għal azzjoni regolatorja każ b'każ abbażi tar-rekwiżiti ġenerali tal-leġislażżjoni. Madankollu, minħabba n-nuqqas ta' koordinazzjoni, il-leġislażżjoni attwali tinsab frammentata u kultant inkoeerenti (eż. il-Bisfenol A huwa materja prima użata b'mod mifrux f'diversi setturi tal-manifattura. Huwa pprojbit fil-kożmetiċi u fil-fliexken tat-trabi iżda xorta huwa permess f'materjali oħra li jiġu f'kuntatt mal-ikel u l-għalf u fil-karta termika.)

### 3. Il-kontenut essenzjali tal-proposta

3.1. Kważi għoxrin sena wara l-adozzjoni tal-Istrateġija Komunitarja, il-Komunikazzjoni tinnota li l-Kummissjoni beħsiebha twettaq kontroll tal-idoneità fuq il-leġislażżjoni attwali, sabiex tiġi stabbilita s-sitwazzjoni attwali. Dan għandu jkun l-ewwel pass lejn l-aġġornament tal-leġislażżjoni tal-UE sabiex issir koerenti u koordinata fir-rigward ta' tliet aspetti kruċjali: id-definizzjoni, l-identifikazzjoni u l-konsegwenzi regolatorji (b'mod partikolari fuq il-miżuri ta' protezzjoni).

3.2. Definizzjoni komuni tal-interferenti endokrinali hija l-punt ta' tluq għal approċċ orizzontali u hija element ewlieni fid-direzzjoni l-ġdida. Se tkun ibbażata fuq id-definizzjoni tal-interferenti endokrinali tad-WHO <sup>(8)</sup>. Hija meħtieġa definizzjoni komuni sabiex jiġi stabbilit metodu armonizzat għall-identifikazzjoni tal-interferenti endokrinali.

3.3. Fir-rigward tal-identifikazzjoni, il-Kummissjoni qed tfitteq li ssaħħaħ tliet linji ta' azzjoni:

- mekkaniżmu orizzontali għall-identifikazzjoni tal-interferenti endokrinali;
- l-aġġornament tar-rekwiżiti tad-data fil-leġislażżjoni għall-identifikazzjoni ta' interferenti endokrinali ġodda b'mod aktar preċiż;
- it-titjib tal-komunikazzjoni fil-katina tal-provvista kollha fir-rigward tal-interferenti endokrinali skont ir-REACH (skedi ta' data ta' sigurtà).

3.4. It-tielet aspett jikkonsisti fl-implimentazzjoni tal-istess miżuri u dispożizzjonijiet f'konformità mal-*prinċipju ta' prekawżjoni*, sabiex il-pubbliku jiġi mħares mill-esponiment għall-periklu, meta l-investigazzjoni xjentifika tkun sabet riskju plawsibbli. Dan għandu jinvolvi l-projbizzjoni tal-produzzjoni ta' dawn is-sustanzi b'possibiltajiet limitati għal derogi. Għal din ir-raġuni, il-*kontroll tal-idoneità* se jagħti attenzjoni speċifika lill-konsistenza u l-intensità tal-miżuri sabiex jiġu protetti ċ-ċittadini kollha, b'enfasi speċifika fuq gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni li huma partikolarment sensitivi għall-interferenti endokrinali, meta s-sistema endokrinali tkun ffażi ta' bidla, bħall-feti, l-adolesxenti u n-nisa tqal.

3.5. Ir-riċerka se tkun kruċjali fil-qafas leġislativ futur, minħabba li għad hemm bosta lakuni fl-għarfien, bħal:

- preċiżament kif l-esponiment għall-interferenti endokrinali jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-mard;
- jekk jistax jiġi stabbilit “livell sikur” għall-interferenti endokrinali sa fejn ma jseħħ l-ebda effett negattiv;
- liema taħlita tista' tipproduċi l-“effett cocktail” u kif it-“taħlitiet” jaħdmu b'mod ġenerali;
- kif nistgħu nagħmlu l-metodi ta' ttestjar tagħna aktar effiċjenti.

3.6. Sa mill-1999 l-hawn, ġie ffinanzjat aktar minn 50 proġett dwar l-interferenti endokrinali taħt il-programmi qafas tal-UE għar-riċerka u l-iżvilupp (aktar minn EUR 150 miljun f'fondi <sup>(9)</sup>). EUR 52 miljun oħra ġew allokati taħt Orizzont 2020. Se jiġu ffinanzjati proġetti ġodda taħt il-Programm Orizzont Ewropa <sup>(10)</sup>. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tippromponi l-linji ta' riċerka li ġejjin:

<sup>(6)</sup> Regolament (KE) Nru 1107/2009; Regolament (UE) Nru 528/2012; Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1); Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 117, 5.5.2017, p. 1); Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

<sup>(7)</sup> Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4); Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59); Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 170, 30.6.2009, p. 1); id-Direttiva 98/24/KE (ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11); Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 50).

<sup>(8)</sup> “Sustanza jew taħlita eżoġena li tbidel il-funzjonijiet tas-sistema endokrinali u konsegwentement tikkawża effetti ħżiena fuq is-saħħa f'organiżmu intatt, jew fil-wild tiegħu, jew f'(sub)popolazzjonijiet.”

<sup>(9)</sup> Data tal-KE.

<sup>(10)</sup> COM(2018) 435 final u COM(2018) 436 final – ara b'mod partikolari l-cluster “Saħħa” (b'baġit propost ta' EUR 7,7 biljun) u l-azzjonijiet diretti mhux nukleari taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka (b'baġit propost ta' EUR 2,2 biljun) fit-tieni pilastru dwar l-Isfidi Globali u l-Kompetittività Industrijali.

- aktar żvilupp tal-valutazzjoni tal-periklu, il-valutazzjoni tar-riskju u l-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi, inkluż fir-rigward tal-effetti cocktail, u l-ġbir, il-kondivizzjoni u l-kombinazzjoni tad-data meħtieġa;
- l-eliminazzjoni ta' sustanzi ta' tħassib fil-fażijiet tal-produzzjoni u tat-tmim il-ħajja; appoġġ għall-iżvilupp ta' sostituti sikuri, u teknoloġiji ta' produzzjoni sikuri u kosteffiċjenti;
- l-ekoinnovazzjoni biex jiġi evitat u rimedjat it-tniġġis ambjentali minn sustanzi u kimiċi perikolużi li issa huma meqjusa li huma ta' tħassib, filwaqt li titqies ukoll l-interfaċċa bejn is-sustanzi kimiċi, il-prodotti u l-iskart.

3.7. Sabiex l-istrategġija l-ġdida ssir aktar effettiva, il-Kummissjoni qed tipprevedi rwol aktar proattiv għall-UE fuq livell globali u djalogu miftuħ mal-partijiet interessati u l-pubbliku ġenerali. Attivitajiet bħal dawn se jiġu strutturati madwar erba' inizjattivi:

- se jiġi organizzat Forum dwar l-interferenti endokrinali fuq bażi annwali. Il-Forum se jippermetti lix-xjenzjati u lill-partijiet interessati pubbliċi u privati sabiex jikkondividu informazzjoni u l-aħjar prattiki, jidentifikaw l-isfidi u jibnu sinerġiji, sabiex jappoġġjaw il-ħidma tal-Kummissjoni;
- appoġġ imsaħħaħ għall-ħidma tal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, b'enfasi partikolari fuq l-appoġġ meħtieġ lill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) sabiex isir progress fl-iżvilupp ta' linji gwida għall-ittestjar, miftiehma fuq livell internazzjonali;
- jiġu esplorati l-possibiltajiet għall-inklużjoni tal-interferenti endokrinali fis-sistema internazzjonali eżistenti għall-klassifikazzjoni tas-sustanzi kimiċi. Dan jipprova soluzzjoni globali għall-identifikazzjoni tal-interferenti endokrinali (simili għas-sistema diġà fis-seħħ għal klassijiet oħra ta' periklu bħall-mutaġeni, il-karċinoġeni, u s-sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni);
- portal web b'punt uniku ta' kuntatt li jinforma lill-individwi, l-intrapriżi u l-partijiet interessati dwar dan is-suġġett. Peress li hemm livelli differenti ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni fl-Ewropa, l-Istati Membri se jiġu mħeġġa jiżviluppaw kampanji speċifiċi b'enfasi speċjali fuq gruppi vulnerabbli.

#### 4. Kummenti ġenerali

4.1. Il-KESE jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-interferenti endokrinali. B'mod partikolari, il-KESE jqis li huwa meħtieġ li jitwettaq *kontroll tal-idoneità* komplut tal-legislażzjoni attwali, inkluż l-impatt soċjali u ekonomiku, sabiex tiġi stabbilita s-sitwazzjoni attwali reali. Approċċ olistiku huwa kruċjali sabiex tiġi appoġġjata strategġija fit-tul <sup>(11)</sup> li tagħmilha possibbli li jiġu indirizzati l-interferenti endokrinali b'mod koerenti, konsistenti u xjentifiku.

4.2. Il-Kumitat jaqbel mal-Kummissjoni li l-interferenti endokrinali huma sustanzi ta' tħassib partikolari. Għal din ir-raġuni, il-Kumitat jappoġġja l-proposta li jinħoloq qafas leġislativ koerenti u użu armonizzat tal-*prinċipju ta' prekawzjoni*, l-konformità mad-dispożizzjonijiet effettivi diġà adottati dwar il-bijoċidi u l-pestiċidi <sup>(12)</sup>.

4.3. B'mod partikolari, il-KESE jqis li l-koerenza tal-qafas leġislativ il-ġdid se tkun l-isfida ewlenija għall-UE, għaliex diversi sustanzi, bħall-*bisfenol A*, li jiġu użati bħala addittivi f'diversi setturi, huma meqjusa b'mod differenti ħafna. Għal din ir-raġuni, huwa importanti li jiġi rrispettat il-*prinċipju xjentifiku "sustanza waħda, tossikoloġija waħda"* <sup>(13)</sup>. Dan ifisser li l-kriterji għall-identifikazzjoni ta' sustanza bħala interferenti endokrinali iridu jkun konsistenti u koerenti fl-oqsma regolatorji kollha fl-UE. Imbagħad, anki jekk jistgħu jkun possibbli xi eċċezzjonijiet, id-deċiżjonijiet regolatorji għandhom b'mod ġenerali jkun koerenti u koordinati. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, l-istrategġija l-ġdida tista' tiġi inkluża taħt l-*"umbrella transsettorjali"* jipprovduta minn REACH biex tiġi żgurata l-konsistenza.

<sup>(11)</sup> Opinjoni tal-KESE dwar id-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb (ĠU C 367, 10.10.2018, p. 107); Opinjoni tal-KESE dwar Azzjonijiet tal-UE għat-titjib tal-governanza u l-konformità ambjentali (ĠU C 283, 10.8.2018, p. 83); Opinjoni tal-KESE dwar Is-sistema attwali maħsuba biex tiggarrantixxi s-sigurtà alimentari u tal-provvista tal-ikel fl-UE u l-possibiltajiet għat-titjib tagħha (ĠU C 268, 14.8.2015, p. 1); Opinjoni tal-KESE dwar Is-sikurezza tal-ġugarelli (ĠU C 77, 31.3.2009, p. 8); Opinjoni tal-KESE dwar Il-kontribut tas-soċjetà ċivili għall-iżvilupp ta' politika komprensiva dwar l-ikel fl-UE (ĠU C 129, 11.4.2018, p. 18).

<sup>(12)</sup> Regolament (UE) Nru 528/2012; Regolament (KE) Nru 1107/2009; Opinjoni tal-KESE dwar *Prodotti bioċidali* (ĠU C 347, 18.12.2010, p. 62).

<sup>(13)</sup> "Scientific principles for the identification of endocrine-disrupting chemicals: a consensus statement (Prinċipji xjentifiċi għall-identifikazzjoni ta' sustanzi kimiċi li jfjixxu s-sistema endokrinali: Dikjarazzjoni ta' kunsens)", Solecki, 2017. <https://link.springer.com/article/10.1007/s00204-016-1866-9>

4.4. Fil-kuntest il-ġdid, il-mekkaniżmu ta' governanza għandu jkun ibbażat fuq ix-xjenza, sabiex tiġi żgurata t-trasparenza għaċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati. Għal din ir-raġuni, huwa importanti li jiġi stabbilit baġit adegwat li jappoġġja r-riċerka pubblika u indipendenti. Il-KESE jemmen li *l-kriterji u/jew il-metodi xjentifiċi miftiehma* bbażati fuq data ta' riċerka indipendenti jistgħu jindirizzaw, jappoġġjaw u jstimulaw l-attività u l-produzzjoni industrijali Ewropea tar-riċerka u l-innovazzjoni.

4.5. Il-Kumitat iqis li l-projbizzjoni jew ir-restrizzjonijiet imposti fuq xi sustanzi jew prodotti, ladarba jiġu identifikati b'mod plawsibbli bħala interferenti endokrinali, jista' jkollhom impatt rilevanti fuq l-intrapriżi u l-postijiet tax-xogħol. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni għandha ttipprovi għal mekkaniżmu finanzjarju speċifiku sabiex tappoġġja t-tranżizzjoni lejn produzzjoni aktar sostenibbli, kemm għall-intrapriżi, sabiex it-tekniki u l-mekkaniżmi ta' produzzjoni tagħhom isiru aktar innovattivi, kif ukoll għall-ħaddiema, sabiex jaġġornaw il-ħiliet tagħhom <sup>(14)</sup>.

4.6. Ir-riċerka indipendenti hija kruċjali sabiex intejbu u nikkompletaw l-għarfien tagħna dwar l-interferenti endokrinali. Il-Kumitat jinnota li l-proposta tal-Kummissjoni ma tispesifikax il-baġit preċiż għar-riċerka u l-innovazzjoni tal-interferenti endokrinali fil-Programm Orizzont Ewropa. Il-KESE jirrakkomanda li dan il-baġit ma għandux ikun inqas mill-baġit attwali fil-qafas ta' Orizzont 2020.

4.7. Il-KESE jaqbel mal-proposta tal-Kummissjoni dwar l-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni, iżda jqis li xi oqsma oħra se jkun kruċjali fis-snin li ġejjin u għalhekk għandhom jiġu ffinanzjati:

- (a) identifikazzjoni bikrija tal-interferenti endokrinali. Skont id-WHO, hemm aktar minn 800 sustanza li hija interferent endokrinali potenzjali <sup>(15)</sup>. Minħabba l-użu mifrux tagħhom, huwa importanti li jsir investiment sabiex jitħaffu t-tekniki u l-mekkaniżmi tal-individwazzjoni xjentifika għall-analiżi tad-data (sabiex tinkiseb interpretazzjoni aħjar tad-data eżistenti);
- (b) identifikazzjoni ta' sustanzi u metodi alternattivi sikuri. Id-direzzjoni l-ġdida li ħadet il-KE tista' tistimula l-iskoperta ta' ħafna interferenti endokrinali ġodda. Uħud minn dawn is-sustanzi huma partikolarment utli f'ħafna setturi produttivi, għalhekk huwa importanti li jsir investiment fir-riċerka ta' alternattivi sikuri u metodi ta' produzzjoni sikuri. In-nuqqas ta' data ma jfissirx li sustanza hija sikura, u għal din ir-raġuni huwa importanti li tiżdied l-investigazzjoni xjentifika. Għandhom isiru sforzi sabiex tikber il-lista ta' sustanzi evalwati, u mhux issir enfasi biss fuq sustanzi li diġà ġew ittestjati b'mod estensiv;
- (c) ir-rimedju ambjentali. Ladarba interferent endokrinali ġdid jiġi identifikat b'mod plawsibbli, huwa importanti li tiġi applikata proċedura speċifika fir-rigward tal-valutazzjoni u l-ġestjoni tar-riskju ta' sustanzi bħal dawn fl-ambjent sabiex tiġi ppjanata, jekk hemm bżonn (partikolarment minħabba l-persistenza tagħhom), strateġija speċifika għar-rimedju ambjentali.

4.8. Il-KESE jappoġġja l-proposta għal Laqgħa Annwali tal-Partijiet Interessati. Madankollu, il-Kumitat iqis li d-djalogu bejn il-partijiet interessati u l-Kummissjoni Ewropea għandu jinkludi sistema permanenti u strutturata ta' skambju u konsultazzjoni ta' informazzjoni, sabiex verament ikun effettiv. Il-KESE jixtieq jipparteċipa u jagħti l-kontribut tiegħu fil-laqgħa annwali.

4.9. L-interferenti endokrinali u l-pollutanti organiċi persistenti huma sustanzi differenti u għandhom effetti differenti fuq il-bnedmin u l-ambjent, iżda huma ugwalment perikolużi għas-saħħa u mhumiex magħrufa maċ-ċittadini. Peress li l-istrateġija tal-UE dwar il-POPs għandha diversi similaritajiet mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-interferenti endokrinali, il-Kumitat jipproponi li dawn l-istrateġiji jiġu żviluppati b'approċċ simili sabiex jissaħħaħ il-proċess politiku u xjentifiku. B'mod partikolari, f'konformità mal-Opinjoni tal-KESE NAT/719 dwar ir-Riformulazzjoni tal-POPs, il-Kumitat japella li tingħata attenzjoni partikolari lill-interferenti endokrinali fil-kampanja wiesgħa ta' sensibilizzazzjoni dwar il-POPs, li għandha tiġi organizzata mill-Kummissjoni fil-livell tal-UE. Il-KESE jtenni wkoll ir-rakkomandazzjoni tiegħu li jinholq bank tad-data miftuħ dwar il-POPs u l-interferenti endokrinali sabiex jipprovi għodda utli għall-intrapriżi u l-konsumaturi.

## 5. Kummenti speċifiċi

5.1. Il-KESE jara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bħala pass importanti lejn ħarsien aħjar tas-saħħa taċ-ċittadini billi tiġi definita sistema ta' manifattura aktar sostenibbli. Madankollu, il-Kumitat iqis li din l-istrateġija għandha tissaħħaħ permezz ta' pjan ta' azzjoni realistiku, li jstabbilixxi l-miri u d-dati ta' skadenza.

<sup>(14)</sup> Opinjoni tal-KESE dwar *Il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol* (ĠU C 288, 31.8.2017, p. 56); Opinjoni tal-KESE dwar *ir-Riformulazzjoni tal-Pollutanti Organiċi Persistenti (POPs)* (ĠU C 367, 10.10.2018, p. 93).

<sup>(15)</sup> Skont it-TEDX (l-Iskambju ta' Data Endokrinali), dik il-lista tinkludi aktar minn 1000 sustanza.

5.2. Ekonomija ċirkolari mfassla tajjeb, b'enfasi speċifika fuq il-materja prima sekondarja <sup>(16)</sup>, tista' ssir mezz li jnaqqas l-esponiment taċ-ċittadini tal-UE għall-interferenti endokrinali. Il-Kumitat iqis li l-proposta tal-Kummissjoni jeħtieġ li tkun marbuta b'mod ċar u strett mal-leġislazzjoni attwali żviluppata taħt is-7 Programm ta' Azzjoni Ambjentali <sup>(17)</sup> u mal-inizjattivi l-oħra ta' politika kruċjali għas-sostenibbiltà, bħall-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari u l-Istrateġija għall-Plastiks, li bihom għandha tiġi eliminata l-produzzjoni ta' prodotti tossiċi. Din il-kwistjoni hija sensittiva ħafna, b'mod partikolari fir-rigward tal-effetti cocktail li huma kawża ta' mard fil-bnedmin u ta' ħsara għall-ambjent.

5.3. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi b'mod aktar preċiż il-proposta sabiex tiġi organizzata konsultazzjoni pubblika dwar l-interferenti endokrinali. Il-Kumitat huwa konvint li aktar minn individwi, is-soċjetà ċivili organizzata nnifisha jista' jkollha rwol importanti, speċjalment minħabba li l-għarfien u l-esperjenza speċifika huma neċessarji sabiex jingħataw pariri utli, affidabbli u bbażati fuq ix-xjenza <sup>(18)</sup>.

5.4. Il-Kumitat jemmen bis-sħiħ li kwalunkwe strateġija Ewropea dwar l-interferenti endokrinali għandu jkollha dimensjoni internazzjonali u tiġi żviluppata fil-livell internazzjonali sabiex is-saħħa taċ-ċittadini tiġi protetta b'mod effettiv minn prodotti possibbilment mhux sikuri minn pajjiżi terzi. Għal din ir-raġuni, il-KESE japprova l-proposta tal-Kummissjoni għal rwol aktar proattiv tal-UE fil-livell globali, u jappoġġja lill-OECD fit-titjib tat-testijiet tagħha. Barra minn hekk, il-KESE jemmen li l-UE għandha tippromovi s-sostenibbiltà u tħares id-dispożizzjonijiet tal-POPs fi ftehimiet kummerċjali bilaterali u multilaterali. F'dan is-sens, l-UE tista' taħdem f'kooperazzjoni mad-WHO u l-UNEP biex tiffirma konvenzjoni globali dwar l-interferenti endokrinali, kif diġà għamlet għall-POPs (il-Konvenzjoni ta' Stokkolma), abbażi tal-lista eżistenti tan-NU ta' interferenti endokrinali identifikati jew potenzjali <sup>(19)</sup>. Dawn l-inizjattivi se jkunu utli wkoll sabiex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi u biex jiġi protett il-mudell ta' produzzjoni Ewropew minn kompetizzjoni inġusta <sup>(20)</sup>.

5.5. Il-KESE jappoġġja l-istrateġija miftuħa adottata mill-Kummissjoni u jqis li s-soċjetà ċivili organizzata jista' jkollha rwol kruċjali fl-iżvilupp ta' kampanji nazzjonali ta' sensibilizzazzjoni, sabiex tkun infurmata bażi usa' tal-popolazzjoni dwar l-attivitajiet mwettqa mill-UE biex tippoteġi s-saħħa taċ-ċittadini. Kampanja ta' sensibilizzazzjoni effettiva għandha tibda fl-iskejjel sabiex jitnaqqsu r-riskji ta' esponiment għall-interferenti endokrinali u biex tiġi promossa mgħiba sikura <sup>(21)</sup>. B'mod partikolari, il-KESE jirrakkomanda li l-inizjattivi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ għandhom jiġu armonizzati u meqjusin bħala parti mill-istess strateġija taħt l-approċċ tat-tagħlim tul il-ħajja. Barra minn hekk, il-Kumitat iqis li korsijiet ta' taħriġ speċifiki għandhom ikunu obbligatorji u disponibbli għall-ħaddiema kollha Ewropej li l-impjeg tagħhom huwa marbut direttament jew indirettament mal-interferenti endokrinali <sup>(22)</sup>.

Brussell, il-21 ta' Marzu 2019.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Luca JAHIER

<sup>(16)</sup> Opinjoni tal-KESE dwar "Interfaċċa bejn il-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, dwar il-prodotti u dwar l-iskart" (ĠU C 283, 10.8.2018, p. 56).

Opinjoni tal-KESE dwar "Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari (inkluża l-azzjoni dwar l-iskart fil-baħar)" (ĠU C 283, 10.8.2018, p. 61).

<sup>(17)</sup> Deċiżjoni Nru 1386/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 171).

<sup>(18)</sup> Opinjoni tal-KESE dwar "Riformulazzjoni tal-Pollutanti Organiċi Persistenti (POPs)" (ĠU C 367, 10.10.2018, p. 93).

<sup>(19)</sup> F'Awwi 2018, in-NU ppubblikat lista ta' 45 sustanza kimika, jew gruppi ta' sustanzi kimiċi, li ġew identifikati bħala interferenti endokrinali jew interferenti endokrinali potenzjali, wara valutazzjoni xjentifika bir-reqqa bbażata fuq id-definizzjonijiet tal-2002 mid-WHO/IPCS tal-interferenti endokrinali jew tal-interferenti endokrinali potenzjali. Sfortunatament, in-nuqqas ta' konvenzjoni internazzjonali dwar l-interferenti endokrinali ma jippermettix li tiġi stabbilita proċedura internazzjonali miftiehma li tħares is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali minn esponiment għal dawn is-sustanzi. <https://www.unenvironment.org/explore-topics/chemicals-waste/what-we-do/emerging-issues/scientific-knowledge-endocrine-disrupting>

<sup>(20)</sup> Opinjoni tal-KESE dwar "It-tranżizzjoni lejn ġejjieni Ewropew aktar sostenibbli" (ĠU C 81, 2.3.2018, p. 44).

<sup>(21)</sup> Eż. Dekalogu għaċ-ċittadini dwar l-interferenti endokrinali. <http://old.iss.it/inte/index.php?lang=2&id=289&tipo=29>

<sup>(22)</sup> Opinjoni tal-KESE dwar "Riformulazzjoni tal-Pollutanti Organiċi Persistenti (POPs)" (ĠU C 367, 10.10.2018, p. 93).